

Strasburgu, 14 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12895/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0219(COD)

CODEC 1583
INDEF 46
COPS 436
POLMIL 238
IND 463
MAP 47
COMPET 865
FISC 187
PE 107

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 11 sa 14 ta' Settembru 2023)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET), David McALLISTER (PPE, DE), u l-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), Cristian-Silviu BUȘOI (PPE, RO), ippreżentaw, rispettivament f'isem il-Kumitat AFET u l-Kumitat ITRE, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha Michael GAHLER (PPE, DE) u Zdzisław KRASNODŌBSKI (ECR, PL) kienu ħejjew abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma ġiet ippreżentata l-ebda emenda oħra.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fit-12 ta' Settembru 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2023)0301

It-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA)

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (COM(2022)0349 – C9-0287/2022 – 2022/0219(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0349),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0287/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Settembru 2022¹,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' Lulju 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ ĠU C 486, 21.12.2022, p. 168.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0161/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... dwar l-istabbiliment ta' *strument għat-tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża* ■ permezz tal-Akkwist Komuni (*EDIRPA*)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-istrument leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 486, 21.12.2022, p. 168.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2023.

Billi:

- (1) Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE, fil-laqgħa tagħhom f'Versailles fil-11 ta' Marzu 2022, impenjaw ruħhom għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ftiehm u li jżidu ***b'mod sostanzjali*** in-nefqa għad-difiża, li ***jiżviluppaw aktar inċentivi biex jistimulaw l-investimenti kollaborattivi tal-Istati Membri fi*** proġetti konġunti u l-akkwist ***konġunt*** tal-kapaċitajiet tad-difiża, li ***jinvestu aktar fil-kapaċitajiet meħtieġa biex titwettaq il-firxa sħiħa ta' missjonijiet u operazzjonijiet, li jrawmu s-sinerġiji u*** jagħtu spinta lill-innovazzjoni, u li jsaħħu u jiżviluppaw l-industrija tad-difiża tal-Ewropa, ***inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).***
- (2) L-invażjoni mhux ġustifikata tal-Ukrajna tar-Russja fl-24 ta' Frar 2022 u l-gwerra ta' aggressjoni tagħha li għadha għaddejja għamluha ċara li hu kruċjali li tittieħed azzjoni ***urġenti*** biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti. Ir-ritorn ta' gwerra b'taqbid ta' intensità għolja u kunflitt territorjali fl-Ewropa, għandu ***effett negattiv fuq is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri u jehrieg*** żieda sinifikanti fil-kapaċità tal-Istati Membri biex ineħħu l-aktar lakuni urġenti u kritiċi, speċjalment dawk aggravati bit-trasferiment tal-prodotti tad-difiża lejn l-Ukrajna.
- (3) Il-gwerra ta' ***aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ssottolinjat b'mod drammatiku l-ħtieġa li l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) tiġi adattata għal bidliet strutturali, biex jissaħħu r-riċerka u l-iżvilupp militari tal-Unjoni, biex jiġi mmodernizzat it-tagħmir militari u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-qafas tal-akkwist fil-qasam tad-difiża.***
- (4) Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") ippreżentaw "komunikazzjoni konġunta dwar "l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur". Il-komunikazzjoni konġunta ***ssottolinjat l-effetti ta' snin ta' nuqqas ta' nefqa fid-difiża u l-eżistenza ta' diskrepanzi finanzjarji, industrijali u fil-kapaċità b'rabta mas-settur tad-difiża fl-Unjoni. Il-komunikazzjoni konġunta speċifikat li r-ritorn tal-gwerra fl-Ewropa kien kixef akkumulazzjoni ta' lakuni u nuqqasijiet fl-inventarji militari, kapaċità tal-produzzjoni industrijali mnaqqsa, u akkwist konġunt u kollaborazzjoni limitati. Il-komunikazzjoni konġunta enfasizzat ukoll lakuni li għandhom effett immedjat fuq il-***

libertà ta' azzjoni tal-forzi armati tal-Istati Membri kif ukoll l-ħtieġa urġenti li ċerti ħażniet jiġu rifornuti, li jiġi sostitwit it-tagħmir militari li m'għadux validu, pereżempju t-tagħmir iddisinjat jew prodott fl-eks Unjoni Sovjetika, u li jissaħħu l-kapaċitajiet strateġiċi.

- (5) Il-komunikazzjoni konġunta pproponiet ukoll strument apposta għall-immedjat, imfassal bi spirtu ta' solidarjetà, bħala għodda li tinċentiva lill-Istati Membri biex iwettqu, fuq bażi volontarja, akkwist komuni b'mod kollaborattiv sabiex jimlew l-aktar lakuni urġenti u kritiċi, speċjalment daww maħluqa mir-rispons għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja.
- (6) L-istrument ġdid apposta għall-immedjat propost **huwa maħsub biex** jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-akkwist komuni tad-difiża u, bil-finanzjament assoċjat tal-Unjoni, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Unjoni, **inkluż billi tiżdied il-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża. Dan ser jikkontribwixxi wkoll għall-punt ta' riferiment kollettiv ta' 35 % tan-nefqa totali fuq l-akkwist ta' tagħmir għall-akkwist kollaborattiv Ewropew tat-tagħmir identifikat mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fl-2007.**
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li t-tisħiħ tal- **EDTIB** ikun fil-qalba ta' daww l-isforzi. Fil-fatt, għad hemm bosta diffikultajiet u diskrepanzi u għad hemm **frammentazzjoni, li qed twassal biex ma jkunx hemm** biżżejjed azzjoni kollaborattiva u **interoperabbiltà** bejn il-prodotti.
- (8) **L-istruttura speċifika, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament huma partikolari għall-istrument apposta għall-immedjat u huma ddeterminati minn ċirkostanzi speċifiċi u s-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-preżent.**
- (9) Fil-kuntest attwali tas-suq tad-difiża, ikkaratterizzat b'żieda fit-theddid għas-sigurtà u bi prospett realistiku ta' kunflitt ta' intensità għolja, l-Istati Membri qed iżidu malajr il-baġits tad-difiża tagħhom u b'miri li jwettqu xiri simili ta' prodotti tad-difiża. Dan wassal għal livell ta' domanda li **tista' taqbeż** il-kapaċitajiet tal-manifattura tal-EDTIB, li bħalissa huma maħsuba għall-produzzjoni għaż-żminijiet ta' paċi.
- (10) Għaldaqstant, jistgħu jiġu antiċipati inflazzjoni qawwija fil-prezzijiet, kif ukoll aktar dewmien fit-twassil tal-ordnijiet, li potenzjalment jistgħu jagħmlu ħsara lis-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri. L-industriji tad-difiża jeħtieġ jiżguraw il-kapaċità tal-

produzzjoni meħtieġa għall-ipproċessar tal-ordnijiet, kif ukoll il-materja prima kritika u s-sottokomponenti. F'dan il-kuntest, jista' jkun li l-produtturi jagħtu preferenza lill-ordnijiet il-kbar, u potenzjalment iħallu lill-aktar pajjiżi vulnerabbli li jonqoshom id-daqs kritiku u l-mezzi finanzjarji biex jiżguraw ordnijiet kbar, esposti.

- (11) *Is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali fil-pajjiżi tal-viċinat tal-Lvant uriet li, billi jenħtieġ li jiġu evitati sforzi doppji, suq tad-difiża diversifikat jista' jikkontribwixxi għall-varjetà ta' prodotti li jkunu immedjatament disponibbli fis-suq u għalhekk jista' jkun ta' benefiċċju għall-issodisfar adegwat tal-ħtiġijiet urġenti tal-Istati Membri.*
- (12) Barra minn hekk, jenħtieġ li jsiru sforzi sabiex iż-żieda fl-infiq tirriżulta f'EDTIB ferm aktar b'saħħha *fl-Unjoni kollha*. Fil-fatt, *żieda fl-investimenti nazzjonali*, magħmula mingħajr koordinazzjoni jew kooperazzjoni, *tista' żżid il-frammentazzjoni*.
- (13) Minħabba l-isfidi msemmija hawn fuq u l-bidliet strutturali relatati, jinħass il-bżonn li jitħaffef l-aġġustament tal-EDTIB, *biex jissaħħu l-kompetittività u l-effiċjenza tagħha, f'konformità mal-Artikolu 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*, u b'hekk *biex* tikkontribwixxi għat-tisħiħ u għar-riforma tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Istati Membri. Jenħtieġ li waqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet industrijali jiġu indirizzati malajr ukoll l-aktar lakuni urġenti.
- (14) Jenħtieġ li, b'mod partikolari, jiġu inċentivati l-investiment u l-akkwist komuni fid-difiża peress li dawn l-azzjonijiet kollaborattivi jiżguraw li l-bidla meħtieġa *fl-EDTIB* issir b'mod kollaborattiv, u tiġi evitata aktar frammentazzjoni *u tiżdied l-interoperabbiltà*.
- (15) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit strument apposta għall-immedjat biex tiżdied il-kollaborazzjoni mill-Istati Membri fil-fażi tal-akkwist tad-difiża (l-"Istrument"). L-Istrument jenħtieġ li jinċentiva lill-Istati Membri biex iwettqu azzjonijiet kollaborattivi u, b'mod partikolari, waqt l-akkwisti biex jimlew daww il-lakuni, li jagħmlu dan b'mod konġunt, filwaqt li jżidu l-interoperabbiltà u jsaħħu u jirrifirmaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tagħhom.
- (16) *Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, ir-riżorsi allokat i għall-Istrument ser jiġu ffinanzjati fil-qafas finanzjarju multiannwali eżistenti mingħajr impatt fuq il-finanzjament li diġà ġie ddedikat għal azzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni.*

- (17) L-Istrument jenħtieġ li jikkumpensa għall-kumplessità u r-riskji assoċjati mal-**akkwist komuni** filwaqt li jippermetti li l-ekonomiji ta' skala fl-azzjonijiet tal-Istati Membri jsaħħu u jimmodernizzaw l-**EDTIB, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps)**, biex b'hekk iżid il-kapaċità, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni. **L-inċentiv** għall-akkwist komuni jirriżulta wkoll f'kostijiet aktar baxxi fir-rigward tal-**piż amministrattiv u l-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja** tas-sistemi rilevanti. **Jenħtieġ li l-Istrument ikun akkumpanjat minn sforzi biex jissaħħu s-swieq, is-servizzi u s-sistemi Ewropej tad-difiża u s-sigurtà, u li joħlqu kundizzjonijiet ekwivalenti għall-fornituri mill-Istati Membri kollha. L-akkwist komuni f'suq komuni għall-EDTIB jippermetti ekonomiji ta' skala u jiżgura l-innovazzjoni u l-effiċjenza fil-produzzjoni u t-teknoloġija.**
- (18) F'konformità mal-komunikazzjoni konġunta tat-18 ta' Mejju 2022, l-Istrument jkompli jibni u **jikkunsidra** l-ħidma tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża stabbilita mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli u Kap tal-Aġenzija **Ewropea għad-Difiża**, biex tikkoordina l-ħtiġijiet tal-akkwist tad-difiża fl-immedjat u biex tinvolvi lill-Istati Membri u lill-manifatturi tad-difiża tal-**Unjoni** fl-appoġġ tal-akkwist konġunt għall-mili mill-ġdid tar-riżervi, b' mod partikolari minħabba l-appoġġ mogħti lill-Ukrajna.
- (19) **Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa teħtieġ riflessjoni urġenti dwar kif tista' titnaqqas il-frammentazzjoni żejda permezz ta' inizzjattivi awtonomi tal-Unjoni u dwar kif l-istrumenti rilevanti jistgħu jiġu konnessi b'mod strateġiku.** L-Istrument huwa maħsub li **jiżgura l-koerenza** ma' inizzjattivi kollaborattivi eżistenti tal-Unjoni marbuta mad-difiża, bħall-**Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet, ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża**, il-Fond Ewropew għad-Difiża kif ukoll il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, u li jiġġenera sinerġiji ma' programmi oħra tal-**Unjoni**. L-Istrument hu koerenti għal kollox mal-ambizzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża. **Fejn xieraq, il-prijoritajiet reġjonali u internazzjonali, inkluż dawk stabbiliti fil-kuntest tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll, dment li dawn ikunu konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni u ma jwaqqfu lill-ebda Stat Membru jew pajjiż assoċjat milli jipparteċipa, filwaqt li jfittxu li jevitaw duplikazzjoni bla bżonn.**

- (20) Peress li l-Istrument għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività u l-effiċjenza tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, il-kuntratti tal-akkwist komuni ser, sabiex jibbenefikaw minnu, ikun jeħtiġilhom jingħataw lil **kuntratturi jew sottokuntratturi** stabbiliti fl-Unjoni jew fpajjiżi assoċjati u li mhumiex soġġetti għall-kontroll ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati jew ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-kontroll **fuq kuntrattur jew sottokuntrattur** jinftiehem bħala l-abbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq **kuntrattur jew sottokuntrattur** b'mod dirett, jew indirett permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar. Minbarra dan, sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet ta' dak l-akkwist jenħtieġ li jkun fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat.
- (21) F'ċerti ċirkostanzi, jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mill-prinċipju li l-kuntratturi u s-sottokuntratturi involuti f'akkwist komuni appoġġat mill-Istrument ma jkunx soġġetti għal kontroll minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. F'dak il-kuntest, **kuntrattur jew sottokuntrattur** stabbilit fl-Unjoni jew fpajjiż assoċjat u kkontrollat minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entità ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati jenħtieġ li jkun jista' jipparteċipa bħala kuntrattur **jew** sottokuntrattur involut fl-akkwist komuni, **dment** li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stretti relatati mal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), inkluż fir-rigward tat-tisħiħ tal-EDTIB.
- (22) Barra minn hekk, il-proċeduri u l-kuntratti tal-akkwist komuni **jenħtieġ ukoll li** jinkludu rekwiżit li prodott tad-difiża ma jkunx soġġett għal restrizzjoni minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entità ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati **li tillimita l-kapaċità tal-Istati Membri li jużaw dak il-prodott ta' difiża. F'każijiet urġenti, fejn il-kapaċità tal-EDTIB biex tindirizza l-aktar lakuni urġenti u kritiċi fil-ħażniet tal-Istati Membri ma tkunx biżżejjed jew fejn l-EDTIB ma tkunx tista' tipprovi l-prodotti tad-difiża meħtieġa fi żmien adegwat, jenħtieġ li dak ir-rekwiżit ma japplikax jekk il-prodotti akkwistati kienu qed jintużaw qabel l-24 ta' Frar 2022 fil-forzi armati tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-akkwist komuni. Fejn tapplika dik id-deroga, jenħtieġ li l-pajjiżi li jipparteċipaw fl-akkwist komuni jistudjaw il-fattibbiltà li l-komponenti li jikkawżaw ir-**

restrizzjoni jiġu sostitwiti b'komponenti mingħajr restrizzjonijiet mill-Unjoni jew minn pajjiżi assoċjati.

- (23) Sabiex jinħoloq l-effett meħtieġ ta' inċentiv, ***jenħtieġ li*** l-għotjiet provduti skont l-Istrument ■ jieħdu l-forma ta' finanzjament li ma jkunx marbut ma' kost u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kisba tar-riżultati b'referenza għall-pakketti ta' ħidma, l-istadji importanti jew il-miri tal-proċess tal-akkwist komuni.
- (24) ■ Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-***Kummissjoni, fir-rigward tal-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriannali sabiex tistabbilixxi l-prijoritajiet tal-finanzjament u l-kundizzjonijiet tal-finanzjament applikabbli. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***³.
- (25) Għall-ġenerazzjoni ta' effett ta' inċentiv, il-livell ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni ***għal kull azzjoni jenħtieġ li jkun jista'*** jiġi differenzjat abbażi ta' fatturi ■ bħall-kumplessità tal-akkwist komuni, ■ il-karatteristiċi tal-kooperazzjoni ***jew*** l-għadd ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati parteċipanti, jew l-inklużjoni ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati oħra f'kooperazzjonijiet eżistenti, ***iżda jenħtieġ li ma jaqbiżx il-15 % tal-baġit globali tal-Istrument u jenħtieġ li jiġi limitat għal 15 % tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist komuni għal kull konsorzju ta' Stati Membri u pajjiżi assoċjati. Minħabba l-kostijiet ogħla normalment assoċjati mat-twettiq ta' proċeduri tal-akkwist li jinkludu għedud kbar ta' kuntratturi, jew li jinvolvu trasferimenti ta' tagħmir mixtri lejn pajjiżi terzi, jenħtieġ li dan il-limitu jogħla għal 20 % tal-baġit ġenerali u 20 % tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist komuni għal kull konsorzju ta' Stati Membri u pajjiżi assoċjati, fejn l-Ukrajna jew il-Moldova jkunu wieħed mir-riċevituri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża fl-azzjoni ta' akkwist, jew fejn mill-inqas 15 % tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist komuni jkun allokat għal SMEs jew kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps) bħala kuntratturi jew sottokuntratturi. Jenħtieġ li l-akkwist ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża għall-Ukrajna u l-Moldova jkun possibbli bil-qbil tal-Istati Membri parteċipanti, minħabba s-sitwazzjoni partikolari tas-***

³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

sigurtà ta' dawk iż-żewġ pajjiżi kandidati tal-Unjoni fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

- (26) L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati jenħtieġ li jaħtru aġent tal-akkwist biex iwettaq l-akkwist komuni fisimhom. L-aġent tal-akkwist jenħtieġ li jkun awtorità kontraenti, ***kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (1) tad-Direttiva 2014/24/UE⁴ u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE⁵*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li hija stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż ■ assoċjat, ***l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jew organizzazzjoni internazzjonali.***
- (27) F'konformità mal-Artikolu 193(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (ir-“Regolament Finanzjarju”), tista' tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet, dment li l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li l-azzjoni kellha tinbeda qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Il-gwerra ta' ***aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat bidla drastika fil-kundizzjonijiet tas-suq tad-difiża, li l-EDTIB trid tadatta għalihom f'ambjent ristrett miż-żmien. Minħabba l-urġenza u s-serjetà ta' dak l-adattament kif ukoll l-eżistenza ta' riskju ta' aktar frammentazzjoni tas-suq intern u tal-ktajjen tal-provvista ta' prodotti tad-difiża rilevanti, kienu immedjatament meħtieġa azzjonijiet mill-Istati Membri li taw bidu għal kooperazzjoni fl-akkwist konġunt biex jintbagħat sinjal sinifikanti lis-suq u lill-EDTIB. Konsegwentement, jenħtieġ li jkun possibbli appoġġ finanzjarju bikri mill-Unjoni. B'deroga mill-Artikolu 193 tar-Regolament Finanzjarju,*** jenħtieġ li ***għalhekk*** fid-deċiżjoni tal-finanzjament ikun possibbli li jiġu previsti kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet li jkopru perjodi ■ mill-24 ta' Frar 2022, anke jekk bdew qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għotja, ***dment li ma jkunux intemmu qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja.***

⁴ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁵ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (28) *Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. Madankollu, dan ir-Regolament jipprevedi rekwiżiti ta' eliġibbiltà aktar speċifiċi. Id-Direttiva 2009/81/KE tippovdi li l-Istati Membri jistgħu jinkludu fil- leġiżlazzjoni tagħhom il-possibbiltà li fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt jimponu rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tas-sigurtà tal-provvista jew tas-sigurtà tal-informazzjoni. Dan ir-Regolament jibni fuq dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/81/KE u joħloq obbligi għall-aġenti tal-akkwist fir-rigward tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà li għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt. Tali obbligi jenħtieġ li jipprevalu fuq leġiżlazzjoni konfliġġenti tal-Istat Membru u pajjiżi assoċjati fejn ikun stabbilit l-aġent tal-akkwist.*
- (29) *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/624⁸ għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess transfruntier tas-suq għall-SMEs u l-kumpaniji intermedji fis-settur tad-difiża. B'mod partikolari, din tappella lill-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà' offruta mid-Direttiva 2009/81/KE, bħal dik introdotta fl-Artikolu 21 tagħha jew dik offruta mir-risors akbar għal lottijiet jew akkwist elettroniku. Tappella wkoll lill-Istati Membri jtaffu l-piż amministrattiv relatat mal-akkwist, b'mod partikolari, billi jżommu l-kriterji għal talbiet għal informazzjoni jew kriterji tal-għażla proporzjonati. Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-aġenti tal-akkwist maħtura mill-Istati Membri u mill-pajjiżi assoċjati jagħmlu l-aħjar użu mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-azzjonijiet ta' akkwist komuni sabiex jiżgura li l-SMEs ikollhom aċċess ġust għall-akkwist appoġġat.*
- (30) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Istrument *għall-perjodu mill-...[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sal-31 ta' Diċembru 2025*, li ser ikun l-ammont ta' referenza primarja skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-

⁷ Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/624 tal-20 ta' April 2018 dwar l-aċċess għas-suq transfruntier għas-subfornituri u l-SMEs fis-settur tad-difiża (ĠU L 102, 23.4.2018, p. 87).

introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda⁹, għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill waqt il-proċedura baġitarja annwali.

- (31) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95¹¹, (Euratom, KE) Nru 2185/96¹² u (UE) 2017/1939¹³, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu protetti b'miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw

⁹ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

¹⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

¹³ Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (32) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764¹⁵, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi jew f'territorji extra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-oġġettivi tal-Istrument u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju rilevanti jkun marbut.
- (33) ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-prodotti tad-difiża jenħtieġ li jinftiehem li jfissru prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, kif stabbilit fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva, b'mod partikolari bħala tipi ta' prodotti inklużi fil-lista ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 255/58 tal-15 ta' April 1958¹⁶. Dik il-lista tinkludi biss tagħmir li hu ddisinjat, żviluppata u prodott għal skopijiet speċifikament militari. Madankollu, il-lista hija ġenerika u għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' fid-dawl tan-natura li qed tevolve tat-teknoloġija, il-politiki tal-akkwist u r-rekwiżiti militari li jwasslu għall-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' tagħmir, pereżempju fuq il-bażi tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-prodotti tad-difiża għandhom jinftiehem li jkopru wkoll prodotti li, għalkemm inizjalment kienu ddisinjati għal użu ċivili, aktar tard ġew adattati għal skopijiet militari biex jintużaw bħala armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra.***

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni extra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6).

¹⁶ Id-Deċiżjoni li tiddefinixxi l-lista ta' prodotti (armi, munizzjonijiet, u materjal tal-gwerra) li għaliha japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 223(1)(b) — li issa sar l-Artikolu 296(1)(b) — tat-Trattat (dok. 255/58) Minuti tal-15 ta' April 1958: dok. 368/58.

- (34) *Skont l-Artikolu 4(2) TUE, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà esklużiva ta' kull Stat Membru. L-Istati Membri jiddeterminaw bejniethom l-arranġamenti applikabbli għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata għall-finijiet tal-akkwisti komuni, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.*
- (35) *Il-Kummissjoni tiproteġi l-informazzjoni klassifikata tal-UE f'konformità mar-regoli tas-sigurtà stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444¹⁷. F'konformità mal-Ftehim tal-4 ta' Mejju 2011 bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea¹⁸ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE¹⁹, l-Istati Membri jipprovdu livell ekwivalenti ta' protezzjoni għall-informazzjoni klassifikata tal-UE għal dak ipprovdut mir-regoli tas-sigurtà tal-Kunsill stipulati fid-Deċiżjoni 2013/488/UE.*
- (36) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tfassal rapport ta' evalwazzjoni għall-Istrument u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2026. Jenħtieġ li r-rapport ta' evalwazzjoni jevalwa l-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet li jittieħdu taħt l-Istrument, filwaqt li jħares 'il quddiem b'mod kritiku dwar modi biex jiġu żgurati l-komponenti kollha fil-katina tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni b'kunsiderazzjoni xierqa għall-importanza ta' arranġamenti ta' sigurtà tal-provvista u għall-funzjonament tal-EDTIB. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-rapport ta' evalwazzjoni jidentifika n-nuqqasijiet u d-dipendenzi kritiċi fuq pajjiżi terzi mhux assoċjati fir-rigward tal-materja prima, il-komponenti u l-kapaċitajiet ta' produzzjoni, fejn ikompli jibni fuq il-ħidma li saret fil-kuntest tal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi. Jenħtieġ li r-rapport jinforma l-ħidma tal-Kummissjoni dwar pjanijiet direzzjonali għat-teknoloġija, inkluż miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet u d-dipendenzi kritiċi.*

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

¹⁸ ĠU C 201, 8.7.2011, p. 13.

¹⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

- (37) ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika taġġhom dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.***
- (38) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-oġġettivi.
- (39) ***Sabiex l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun tista' tibda mill-aktar fis possibbli, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ b'urġenza,***

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi *strument għall-immedjat għat-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea* ■ permezz tal-akkwist komuni ■ (l-"Istrument"), *għall-perjodu minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sal-31 ta' Diċembru 2025.*

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "akkwist komuni" tfisser akkwist ■ imwettaq b'mod konġunt minn mill-inqas tliet Stati Membri;
- (2) "kontroll" *fir-rigward ta' kuntrattur jew sottokuntrattur*, tfisser il-kapaċità li teżerċita influwenza deċiżiva fuq *kuntrattur jew sottokuntrattur* b'mod dirett, jew b' mod indirett permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar;
- (3) "struttura maniġerjali eżekuttiva" tfisser korp ta' entità ġuridika, maħtur skont il-liġi nazzjonali, u, fejn applikabbli, li jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv, li jkollu s-setgħa jistabbilixxi l-istrateġija, l-oġġettivi u d-direzzjoni ġenerali ta' dik l-entità ġuridika, u li jissorvelja u jwettaq monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali;
- (4) "entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat" tfisser entità ġuridika stabbilita f'pajjiż terz mhux assoċjat jew, fejn tkun stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat, li jkollha l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha f'pajjiż terz mhux assoċjat;
- (5) "aġent tal-akkwist" tfisser awtorità kontraenti *kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (1) tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE* li hija stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat, *l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jew organizzazzjoni internazzjonali u li hija deżinjata mill-Istati Membri u pajjiżi assoċjati biex twettaq akkwist komuni f'isimhom* ■ ;
- (6) *"prodotti tad-difiża"* tfisser *prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tagħha, inkluż tagħmir mediku tal-kumbattiment;*

- (7) *"informazzjoni klassifikata" tfisser informazzjoni jew materjal, fi kwalunkwe forma, li l-iżvelar mhux awtorizzat tiegħu jista' jikkawża livelli differenti ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri, u li jkollha marka ta' klassifikazzjoni tal-UE jew marka ta' klassifikazzjoni korrispondenti, kif stabbilit fil-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea²⁰.*
- (8) *"informazzjoni sensitiva" tfisser informazzjoni u data mhux klassifikata, li jridu jiġu protetti minn aċċess jew żvelar mhux awtorizzat minħabba obbligi stipulati fil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, fejn applikabbli, jew sabiex titħares il-privatezza jew is-sigurtà ta' persuna fiżika jew ġuridika,*

Artikolu 3

Objettivi

1. L-Istrument għandu l-objettivi li ġejjin:
 - (a) irawwem il-kompetittività u l-effiċjenza tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), **inkluż l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps)**, għal Unjoni aktar reżiljenti **u sigura**, b'mod partikolari billi jħaffef, b'mod kollaborattiv, l-aġġustament tal-industrija għall-bidliet strutturali, inkluż permezz **tal-ħolqien u** l-ixprunar tal-kapaċitajiet tal-manifattura tagħha **u l-ftuħ tal-ktajjen tal-provvista għal kooperazzjoni transfruntiera fl-Unjoni kollha, u b'hekk l-EDTIB tkun tista' tipprovdi l-prodotti tad-difiża meħtieġa mill-Istati Membri;**
 - (b) irawwem il-kooperazzjoni fil-**proċessi** tal-akkwist tad-difiża bejn l-Istati Membri parteċipanti **sabiex dawn jikkontribwixxu** għas-solidarjetà, **jipprevjenu effetti ta' esklużjoni, iżidu** l-effettività tal-infiq pubbliku **u jnaqqsu** l-frammentazzjoni **żejda, li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal żieda fl-istandardizzazzjoni tas-sistemi ta' difiża u aktar interoperabbiltà bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri, filwaqt li jiġu preservati l-kompetittività u d-diversità tal-prodotti disponibbli għall-Istati Membri u fil-katina tal-provvista.**

²⁰ ĠU C 202, 8.7.2011, p. 13.

2. Il-ħidma biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tagħmel enfasi fuq it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-**EDTIB fl-Unjoni kollha**, biex din tkun tista' tindirizza, b'mod partikolari, l-aktar ħtiġijiet urġenti u kritiċi tal-**prodotti** tad-difiża, speċjalment dawk żvelati jew aggravati bir-rispons għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra **l-Ukrajna, bħall-vjeġġi lejn l-Ukrajna ta' prodotti tad-difiża**, filwaqt li jitqiesu **l-oġġettivi tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża u** l-ħidma tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża. **Dan jista' jinkiseb bir-riforniment tal-ħażniet li huma eżawriti minħabba t-trasferimenti ta' prodott tad-difiża lejn l-Ukrajna, inkluż b'taġħmir disponibbli fis-suq, kif ukoll bis-sostituzzjoni tat-taġħmir li m'għadux validu u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet.**

Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-perjodu minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sal-31 ta' Diċembru **2025** għandu jkun EUR **300** miljun bil-prezzijiet attwali.
2. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Istrument, bħal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.
3. Ir-riżorsi allokatati għall-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża, meta jintalbu minnhom, jistgħu jiġu trasferiti lejn l-Istrument soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità malArtikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.
4. L-impenji baġitarji għall-attivitajiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti annwali.

²¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Artikolu 5

■ **Pajjiżi** assoċjati

L-Istrument għandu jkun miftuħ għall-parteciġazzjoni ■ ta dawk il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles li huma membri fiż-Żona Ekonomika Ewropea (pajjiżi assoċjati), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Artikolu 6

Implimentazzjoni u forum ta' finanzjament tal-Unjoni

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jintuża biex jinċentiva l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiġi stabbilita billi jitqiesu n-natura kollaborattiva tal-akkwist komuni **u l-ħtieġa** li jinħoloq l-effett inċentiv meħtieġ biex jistimula l-kooperazzjoni.
3. ***B'deroga mill-Artikolu 193 tar-Regolament Finanzjarju***, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu, fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' azzjoni, ikopru ***azzjonijiet li jkunu bdew*** qabel id-data tat-talba għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal dik l-azzjoni, dment li ***dawk*** l-azzjonijiet ***ma jkunux*** bdew qabel l-24 ta' Frar 2022 ***u ma jkunux tlestew qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. L-azzjonijiet eliġibbli retroattivament għandhom jikkonformaw mal-kriterji kollha ta' eliġibbiltà previsti fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-Regolament.***
4. L-għotjiet implimentati b'ġestjoni diretta għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 7

L-użu ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet

1. ***L-għotjiet għandhom jieħdu l-forma ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet, skont l-Artikolu 180(3) tar-Regolament Finanzjarju.***
2. ***Il-livell ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni attribwit għal kull azzjoni jista' jiġi definit abbażi ta' fatturi bħal:***

- (a) *il-kumplessità tal-akkwist komuni, li għalih proporzjon tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist komuni u l-esperjenza miksuba f'azzjonijiet simili jistgħu jservu bħala indikatur inizjali;*
 - (b) *il-karatteristiċi tal-kooperazzjoni, li x'aktarx iwasslu għal eżiti akbar ta'interoperabbiltà u sinjali ta' investiment fit-tul lill-industrija; jew*
 - (c) *l-għadd ta' Stati Membri parteċipanti u pajjiżi assoċjati jew l-inklużjoni ta' aktar Stati Membri jew pajjiżi assoċjati fil-kooperazzjonijiet eżistenti.*
3. *Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal kull azzjoni ma għandhiex taqbeż il-15 % tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1) u għandha tkun limitata għal 15 % tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist komuni għal kull konsorzju ta' Stati Membri u pajjiżi assoċjati.*
4. *B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal kull azzjoni tista' tammonta sa 20 % tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1) u għandha tkun limitata għal 20 % tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist komuni fejn tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*
- (a) *l-Ukrajna jew il-Moldova huma wieħed mir-riċevituri ta' kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti tad-difiża fl-azzjoni ta' akkwist, f'konformità mal-Artikolu 9(3);*
 - (b) *mill-inqas 15 % tal-valur stmat tal-kuntratt tal-akkwist komuni huwa allokat lil SMEs jew kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps) bħala kuntratturi jew sottokuntratturi.*

Artikolu 8

Azzjonijiet eliġibbli

1. Huma biss l-azzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin li għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-**Unjoni taħt l-Istrument**:
- (a) huma jinvolvu l-kooperazzjoni **bejn l-entitajiet eliġibbli kif imsemmija fl-Artikolu 10** għall-akkwist komuni li **jindirizzaw** l-aktar **ħtiġijiet** urġenti u kritiċi tal-prodotti tad-difiża u li jimplimentaw l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3;
 - (b) huma jinvolvu kooperazzjoni ġdida, inkluż fi ħdan qafas eżistenti, jew estensjoni ta' kooperazzjoni eżistenti ma' **mill-inqas Stat** Membru jew **pajjiż** assoċjat **wieħed** ġdid;

- (c) huma jitwettqu minn konsorzju ta' mill-inqas tliet Stati Membri;
- (d) huma għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati fl-Artikolu

2. L-azzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

- (a) l-azzjonijiet tal-akkwist komuni ta' oġġetti jew servizzi li huma pprojbiti bil-liġi internazzjonali applikabbli;
- (b) l-azzjonijiet tal-akkwist komuni ta' armi awtonomi letali li ma jippermettux kontroll sinifikattiv mill-bniedem tad-deċiżjonijiet tal-għażla u tal-involviment meta jsiru attacchi fuq il-bnedmin.

Artikolu 9

Kundizzjonijiet addizzjonali tal-*eliġibbiltà*

1. L-Istati Membri u l-pajjiżi ■ assoċjati li jipparteċipaw f'akkwist komuni għandhom jaħtru, *b'mod unanimu*, aġent tal-akkwist biex jaġixxi f'isimhom għall-finijiet ta' dak l-akkwist komuni. L-aġent tal-akkwist għandu jwettaq il-proċeduri tal-akkwist u jikkonkludi l-*kuntratti* li jirriżultaw ■ mal-kuntratturi f'isem il-*pajjiżi parteċipanti*. *L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jista' jaġixxi bħala l-koordinatur tal-konsorzju u jista' għalhekk ikun kapaċi jimmaniġġa u jikkombina fondi mill-Istrument u fondi mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati parteċipanti.*

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-aġġudikament ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, kuntratti ta' provvista u kuntratti ta' servizz mill-awtoritajiet kontraenti jew entitajiet fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà stabbilit fid-Direttiva 2009/81/KE.

2. Il-proċeduri tal-akkwist imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq ftehim li għandu jiġi ffirmat mill-Istati Membri u pajjiżi assoċjati parteċipanti mal-aġent tal-akkwist skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-programm ta' ħidma. *Il-ftehim għandu, b'mod partikolari, jiddetermina l-arranġamenti prattiċi li jirregolaw l-akkwist komuni u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-proċedura, il-valutazzjoni tal-offerti u l-aġġudikazzjoni tal-kuntratt.*
3. *Il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jawtorizza lill-aġent tal-akkwist biex jakkwista kwantitajiet addizzjonali tal-prodott tad-difiża kkonċernat għall-Ukrajna jew il-Moldova. Tali awtorizzazzjoni għandha tiġi approvata b'mod unanimu mill-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw fl-akkwist komuni.*

Dawn l-arranġamenti addizzjonali tal-akkwist għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal-liġi applikabbli tal-Unjoni u jkun f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tal-Istati Membri li jirrigwardaw l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.

4. Il-proċeduri u l-kuntratti tal-akkwist komuni għandhom jinkludu rekwiżiti tal-partiċipazzjoni għall-kuntratturi u għas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni stabbiliti fil-paragrafi 5 sa 12.

5. Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni *jew f'pajjiż assoċjat*. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat *jew, inkella, għandhom ikunu ġew soġġetti għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² u, fejn meħtieġ, għal miżuri ta' mitigazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament*.
6. B'deroga mill-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, entità ġuridika stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż ■ assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat tista' tipparteċipa ■ fl-akkwist komuni ■ jekk tipprovdi garanziji *vverifikati* mill-Istat Membru jew mill-pajjiż ■ assoċjat li fih ikun stabbilit il-kuntrattur *jew is-sottokuntrattur involut fl-akkwist komuni*. *Il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment tal-kuntrattur jew tas-sottokuntrattur involut fl-akkwist komuni ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V TUE, jew l-oġettivi stipulati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament*.
-
7. *Il-garanziji imsemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu bbażati fuq mudell standardizzat ipprovdut mill-Kummissjoni, assistita mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 16, u għandhom ikunu parti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, biex jiġi żgurat approċċ armonizzat fl-Unjoni kollha*. Il-garanziji għandhom jissostanzjaw, b'mod partikolari, li, għall-finijiet tal-akkwist komuni, ■ hemm stabbiliti miżuri biex jiżguraw li:
- (a) il-kontroll fuq il-kuntrattur jew fuq is-sottokuntrattur involut fl-akkwist komuni ma jiġix eżerċitat b'mod li jillimita jew jirrestrinġi l-kapaċità tiegħu li jissodisfa l-ordni u li jagħti r-riżultati; u
 - (b) ikun evitat l-aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni *klassifikata relatata mal-akkwist komuni*, filwaqt li l-impjegati jew persuni oħrajn involuti fl-akkwist komuni jkollhom approvazzjoni

²² Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1).

tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew pajjiż assoċjat *f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali.*

8. *L-aġenti tal-akkwist għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'notifika dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni applikati skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jew skont il-garanziji msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. Aktar informazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni applikati jew il-garanziji għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament bi kwalunkwe notifika pprovduta f'konformità ma' dan il-paragrafu.*
9. L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist komuni għandhom ikunu qegħdin fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat. Fejn *il-kuntratturi jew is-sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni ma jkollhomx alternattivi jew infrastruttura, faċilitajiet, assi u riżorsi rilevanti* għad-dispożizzjoni tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat, huma jistgħu jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew li jinżammu barra mit-territorju tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi assoċjati, dment li dan l-użu ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri u jkun konsistenti mal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3.
10. Il-proċeduri u l-kuntratti tal-akkwist komuni għandhom jinkludu wkoll rekwiżit li l-prodott tad-difiża ma jkunx soġġett għal restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat *direttament jew indirettament permezz ta' entità ġuridika intermedjarja waħda jew iktar, li tillimita l-abbiltà ta' Stat Membru li juża dak il-prodott tad-difiża.*
11. *B'deroga mill-paragrafu 10 u fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika u l-bżonn urġenti ta' akkwist ta' prodotti tad-difiża bl-appoġġ tal-Istrument, ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 10 ma għandux japplika għal prodotti tad-difiża urġenti u kritiċi, dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:*
- (a) *l-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati li jkun qed jipparteċipaw fl-akkwist komuni jimpenjaw ruħhom li jistudjaw il-fattibbiltà tas-sostituzzjoni tal-komponenti li jikkawżaw ir-restrizzjoni b'komponent alternattiv, mingħajr restrizzjoni, li joriġina fl-Unjoni;*

(b) il-prodotti tad-difiża akkwistati kienu qed jintużaw qabel l-24 ta' Frar 2022 fil-forzi armati tal-maġġoranza tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-akkwist komuni.

■

12. Il-kost tal-komponenti li joriġinaw fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati ma għandux ikun inqas minn 65 % tal-valur stmat tal-prodott finali. L-ebda komponent ma għandu jiġi akkwistat minn pajjiżi terzi mhux assoċjati li jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

13. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'sottokuntratturi involuti fl-akkwist komuni' tfisser ■ kwalunkwe entità ġuridika li tipprova inputs kritiċi li jkollha attributi uniċi li jkunu essenzjali għall-funzjonament ta' prodott u li tkun allokata mill-inqas 15 % ■ tal-valur tal-kuntratt.

Artikolu 10

Entitajiet eliġibbli

Dment li jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju, ■ l-entitajiet ■ eliġibbli għall-finanzjament *huma*:

- (a) awtoritajiet ■ pubbliċi tal-Istati Membri;*
- (b) awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi assoċjati;*
- (c) aġenti tal-akkwist.*

Artikolu 11

Kriterji għall-aġġudikazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa proposti abbażi tal-kriterji li ġejjin għall-aġġudikazzjoni tal-għotji:

- (a) l-għadd ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati li jipparteċipaw f'kull akkwist komuni;*
- (b) il-valur stmat tal-akkwist komuni;*

(c) *dimostrazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-azzjoni għat-tisħiħ tal-kompetittività u għall-adattament, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-EDTIB* sabiex tkun tista' tindirizza, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet l-aktar urġenti u kritiċi tal-prodott tad-difiża, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2), inkluż fir-rigward taż-żmien meħtieġ għat-twassil tal-ordnijiet, id-disponibbiltà u l-forniment;

(d) *dimostrazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-azzjoni għar-riforniment tal-ħażniet, inkluż dawk eżawriti bħala riżultat tar-rispons għall-gwerra ta' -aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, għas-s-sostituzzjoni tat-tagħmir li m'għadux validu, u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2);*

(e) *il-punt sa fejn l-azzjoni tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati, b'mod partikolari permezz tat-tqassim proporzjonali tar-riskji u l-opportunitajiet finanzjarji u tekniċi abbażi ta' kunċett ġenwinament kooperattiv, kif ukoll għall-interoperabbiltà tal-prodotti akkwistati skont dan ir-Regolament;*

(f) *il-kontribut tal-azzjoni biex jintgħelbu l-ostakli għall-akkwist komuni;*

(g) *il-punt sa fejn l-azzjoni tikkontribwixxi għall-kompetittività u l-adattament tal-EDTIB għal bidliet strutturali, inkluż bidliet teknoloġiċi, fost affarijiet oħra permezz tal-ħolqien jew it-tisħiħ previsti tal-kapaċitajiet tal-manifattura, ir-riżerva tal-kapaċitajiet tal-manifattura u s-sigurtà tal-provvista;*

(h) *il-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps);*

(i) *il-ħolqien ta' kooperazzjoni transfruntiera ġdida bejn il-kuntratturi u s-sottokuntratturi fil-ktajjen tal-provvista madwar l-Unjoni kollha;*

(j) *il-kwalità u l-effiċjenza tal-pjanijiet li jwettqu l-azzjoni.*

2. *Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi aktar dettalji dwar l-applikazzjoni tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1, inkluż kwalunkwe fattur korrettiv li għandu jiġi applikat. Il-programm ta' ħidma ma għandux jistabbilixxi limiti individwali.*

3. ***Il-Kummissjoni għandha taqsam ir-rapport ta' evalwazzjoni tas-sejħa mal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 16. Il-Kummissjoni għandha taqsam mal-applikanti rapport dettaljat dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni tal-proposta tagħhom.***

Artikolu 12

Programm ta' ħidma

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat permezz ta' programm ta' ħidma ***pluriennali*** skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju (il-“programm ta' ħidma”).
2. Il-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, għandha tadotta l-programm ta' ħidma. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(3).

3. *Il-programm ta' ħidma għandu jistipula:*

- (a) *id-daqs finanzjarju minimu tal-azzjonijiet ta' akkwist konġunt;*
- (b) *l-ammont indikattiv ta' appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet imwettqa mill-għadd minimu ta' Stati Membri kif meħtieġ mill-Artikolu 8 (1), il-punt (c);*
- (c) *l-inċentivi għall-akkwist ta' valur ogħla u l-inklużjoni ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati addizzjonali f'kooperazzjoni eżistenti;*
- (d) *l-ammont globali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal kull prijorità ta' finanzjament;*
- (e) *deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jinvolvu kooperazzjoni għall-akkwist komuni;*
- (f) *il-valur stmat tal-akkwist komuni;*
- (g) *il-proċedura għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti;*
- (h) *deskrizzjoni tal-istadji importanti, li għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jimmarkaw progress sostanzjali fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet, ir-riżultati li għandhom jinkisbu u l-ammonti assoċjati li għandhom jiġu sborżati;*
- (i) *l-arranġamenti għall-verifika tal-istadji importanti imsemmija fil-punt (h), u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet u l-kisba tar-riżultati; kif ukoll*
- (j) *il-metodi għad-determinazzjoni u, fejn applikabbli, l-aġġustament tal-ammonti ta' finanzjament.*

4. *Il-programm ta' ħidma għandu jistipula l-prijoritajiet ta' finanzjament f'konformità mal-ħtiġijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2). Dawk il-prijoritajiet ta' finanzjament għandhom l-għan li jiżguraw id-disponibbiltà ta' kwantitajiet biżżejjed tal-aktar prodotti tad-difiża urġenti u kritiċi biex jiġu indirizzati l-aktar lakuni urġenti fil-kapaċità, kif imsemmi fit-Taqsima 4 tal-komunikazzjoni konġunta dwar l-Analiżi tad-“Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur”.*

Artikolu 13

Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensitiva

1. *Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:*

- (a) *l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jkunu qed jipparteċipaw f'akkwist komuni għandhom jiddeterminaw, bejniethom, l-arranġamenti applikabbli għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata għall-finijiet ta' dak l-akkwist komuni, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.***
- (b) *kull Stat Membru għandu jiżgura li joffri livell ta' protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE ekwivalenti għal dik ipprovduta mir-regoli tas-sigurtà tal-Kunsill stipulati fid-Deċiżjoni 2013/488/UE;***
- (c) *il-Kummissjoni għandha tippoteġi l-informazzjoni klassifikata tal-UE li tasliha b'rabta mal-Istrument, f'konformità mar-regoli tas-sigurtà stipulati fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.***

2. *Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema ta' skambju sigur sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensitiva bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u pajjiżi assoċjati u, fejn xieraq, mal-applikanti u r-riċevituri. Dik is-sistema għandha tqis ir-regolamenti tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.*

Artikolu 14

Monitoraġġ u rapportar

- 1. *Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Istrument u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti ta' monitoraġġ meħtieġa.***
- 2. *Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport li jevalwa l-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet meħuda taħt l-Istrument (ir-“rapport ta' evalwazzjoni”).u għandha tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***
- 3. *Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun imsejjes fuq konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, u għandu jevalwa l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3. Huwa għandu jevalwa r-restrizzjonijiet potenzjali fil-funzjonament tal-Istrument u b'mod partikolari, il-kontribut tal-Istrument:***

- (a) *għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, inkluż il-ħolqien ta' kooperazzjoni transfruntiera ġdida;*
- (b) *għall-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps) fl-azzjonijiet;*
- (c) *għall-ħolqien ta' kooperazzjoni transfruntiera ġdida bejn il-kuntratturi u s-sottokuntratturi fi ktajjen tal-provvista madwar l-Unjoni kollha;*
- (d) *għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-adattament, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-EDTIB biex din tkun tista' tindirizza, b'mod partikolari, l-aktar ħtiġijiet tal-prodotti tad-difiża urġenti u kritiċi;*
- (e) *għall-valur globali tal-kuntratti ta' akkwist komuni tal-aktar prodotti tad-difiża urġenti u kritiċi appoġġati mill-Istrument.*

4. *Imsejjes fuq il-kontributi disponibbli mill-aġent tal-akkwist, bħal studji tal-fattibbiltà, skont l-Artikolu 9(11), il-punt(a), u, fejn rilevanti, fuq il-ħidma li saret fil-kuntest tal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jidentifika nuqqasijiet u dipendenzi kritiċi fuq pajjiżi terzi mhux assoċjati fir-rigward tal-prodotti akkwistati bl-appoġġ finanzjarju mill-Istrument.. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jinforma l-ħidma tal-Kummissjoni dwar pjanijiet direzzjonali għat-teknoloġija, inkluż miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet u d-dipendenzi kritiċi. Il-Kummissjoni għandha tqis li tipproponi miżuri biex jonqsu n-nuqqasijiet u d-dipendenzi kritiċi fuq pajjiżi terzi mhux assoċjati fil-kuntest tal-Fond Ewropew għad-Difiża, fejn xieraq, filwaqt li tħares 'il quddiem b'mod kritiku dwar modi biex tiżgura l-komponenti kollha meħtieġa fil-katina tal-provvista tal-EDTIB.*

5. *Ir-reqwiżiti ta' rapportar kollha tal-Istati Membri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, kif ukoll l-Artikolu 346 TFUE.*

Artikolu 15

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. ***Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni jew għal-liġijiet u regolamenti nazzjonali applikabbli għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva***, ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-media u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Istrument, mal-azzjonijiet meħuda skont l-Istrument u mar-riżultati miksuba.
3. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Istrument għandhom jikkontribwixxu għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawk il-prijoritajiet ikunu relatati mal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

Artikolu 16

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat bħala osservatur. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu wkoll jiġi mistieden biex jgħin lill-kumitat.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 17
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President